MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 419/2006

Emanuel Camilleri
vs
Leonard Incorvaja

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi r-rikorrent kien jiddetjeni razzett u ghalqa retroposta formanti parti minn tenement no. 50807-XIII-40 fil-kontrada “Ta Sigar” sive tal-Mielah accessibbli minn Sqaq il-Qoton li jisbokka f’Tal-Gebel Road limiti ta’ B’Bugia liema razzett u ghalqa kienu mdawra b’hajt li kien jaghti ghal fuq sqaq il-Qoton.

Illi l-intimat kien immolesta lir-rikorrent fil-pussess tal-hajt tieghu billi qabad u b’mod abbuziv hatt u nehha l-gebel li kien jifforma l-hajt li kien jaghti ghal fuq sqaq il-Qoton

b’mod li rrenda l-access facli ghal gor-razzett minnu detenut u anke cahdu mil-godiment esklussiv ta parti mill-art detenuta minnu u dan kif kien jirrizulta ahjar min dok A sa dok C esebiti mar-rikors.

Illi dan l-agir ta’ l-intimat jikkonsisti f’molestja ai fini ta’ l-artikolu 534 tal-Kodici Civili.

Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti:

1. Sabiex, fi zmien qasir u perentorju li kien prefiss lilu, jirrientegra lir-rikorrenti fil-pussess shih tal-hajt u parti mil-ghalqa gia aktar ’il fuq indikati billi jibni hajt li jaghti ghal fuq sqaq il-Qoton fl-istat li kien fih.

2. Tiddikjara li l-agir ta’ l-intimat kif fuq spjegat kien jammonta ghal molestja ai fini ta’ l-artikolu 534 tal-Kodici Civili.

3. Konsegwentement, tikkundanna lil intimat sabiex jerga jibni l-hajt minnu smantellat fuq il-linja originali tieghu u fin-nuqqas tordna li dan ix-xoghol isir mir-rikorrent a spejjes ta’ l-intimat taht is-sorveljanza ta’ perit nominand.

Bl-ispejjes kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimat li biha espona:

1. Illi l-azzjoni ttentata mir-rikorrent abbazi ta’ l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili ma kienetx tispetta lilu ***qua*** gabillott ta’ l-ghalqa u r-razzett minnu detenuti bi qbiela;

2. Illi bla predugizzju ghall-permess, sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu huwa kien jehtieg jipprova t-tliet elementi flimkien ta’ l-***Actio Manutentionis***, u cioe` l-pussess, il-molestja, u d-deduzzjoni ta’ l-azzjoni fi zmien sena mill-molestja, liema tliet elementi ma kellomx jirrizultaw fil-kaz odjern.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Emanuel Camilleri li fih issemma li hu kellu razzett gewwa Sqaq il-Qoton, Triq il-Mielah, Birzebbugia, li kien ghandu bi qbiela minghand il-Gvern. Hu kien imur ir-razzett u l-ghalqa prattikament kuljum, sakemm ma kienx ikun ma jiflahx. Qal illi l-bitha tar-razzett kienet maghluqa permezz ta' hajt tas-sejjieh. Dan il-hajt minn dejjem jaf li kien hemm. Fis-17 ta' Gunju 2005, it-tifel tieghu Silvio, kien infurmah li certu Leonardu Incorvaja, li kellu xi ghelieqi li jmissu mar-razzett tieghu, kien qieghed ihott il-hajt tal-bitha tar-razzett tieghu. Ghall-habta ta' xi l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, hu kien mar ir-razzett biex jara x'kien qed jigri. Hemmhekk kien ra lil Leonardu Incorvaja jhott parti mill-hajt mertu ta' dan il-kawza, u mar l-ghassa tal-Pulizija, gewwa Birzebbugia, u nforma lil Pulizija li kien hemm dan Incorvaja li kien qieghed ihott il-hajt minghajr il-permess tieghu. Kien ha xi ritratti li juru l-agir ta' Incorvaja, bil-camera tieghu. Fis-27 ta' Gunju 2005, kien reggha tella' l-hajt li kien hatt Incorvaja, bl-uzu tal-pallets, biex jghalaq il-bitha tar-razzett. Fit-18 ta' Settembru 2005, li kien il-Hadd, regghu sabu l-hajt mertu ta' din il-kawza mahtut. L-ghada filghodu, flimkien mat-tifel tieghu Silvio u huh Zaren (li lluma huwa mejjet) kienu regghu tellghu l-hajt bil-pallets. Nhar is-27 ta' Lulju 2005 kien sab in-nofs tal-hajt l-iehor imwaqqa'.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-kwistjoni mertu tal-kawza tikkoncerna ghalqa retrosposta fil-kontrada “Ta’ Sigar” sive Tal-Mielah accessibbli minn Sqaq il-Qoton li jisbokka f’ Tal-Gebel Road, Limiti ta’ B’Bugia. Illi din l-ghalqa kienet fil-pussess tal-attur u dan kien jiddetjeni din l-ghalqa b’titolu ta’ qbiela minghand il-Kummissarju ossija d-Direttur tal-Artijiet. Illi l-attur sostna li l-konvenut hatt il-hajt li jaghti ghal fuq sqaq il-Qoton. Ghalhekk, l-attur ipproceda bil-kaz odjern, u sostna li din tikkonsisti f’molestja a tenur tal-artikolu 534 tal-Kodici Civili ta’ Malta.

Illi l-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok li l-azzjoni ttentata mill-attur abbazi tal-Artikolu 534 tal-Kodici Civili ma tispettax lilu ***qua*** gabilott ta’ l-ghalqa u r-razzett minnu detenuti bi qbiela. Din id-decizjoni ser titratta din l-ewwel eccezzjoni li giet sollevata mill-konvenut. Min-naha tieghu, l-attur ikkonferma li huwa kellu din l-ghalqa bi qbiela minghand il-Gvern, u cioe` minghand il-Kummissarju ta’ l-Artijiet.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 534 tal-Kap 16 jipprovdi:
“Kull min waqt li jinsab fil-pussess, ta’ liema xorta jkun, ta’ haga immobbli, jew ta’ universalita` ta’ hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f’dak il-pussess, jista’ fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f’dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b’idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b’titolu prekarju.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Camilleri vs Carmelo D’Amato** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-30 ta’ Gunju, 2000 jinghad li l-***actio manutensionis*** hi intiza biex timmantjeni lill-pussessur fil-pussess materjali ta' l-oggetti li jkollu f'idejh. Ghalhekk biex tirnexxi l-azzjoni l-attur irid jipprova li:

1. Kellu pussess ta' liema xorta [basta li ma jkunx gie mehud bi vjolenza jew bil-mohbi mill-konvenut] jkun ta' haga immobli jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli [minimu detenzjoni ta' haga ***animo domini*** u ghalhekk din

l-azzjoni ma tistax tigi ezercitata minn persuna li kienet semplici inkwilin - XLI-II-1005, XXXIII-II-198] XLIII-1-97

2. Sar att li bih gie molestat fil-pussess [u mhux bizzejjed il-fatt materjali izda hemm bzonn l-intenzjoni f'min jaghmel dak il-fatt konsistenti fl-affermazzjoni ta' pussess proprju, kuntrarju ghal pussess ta' haddiehor - XLIII-822]

3. L-azzjoni ssir fi zmien sena mill-molestja

4. L-attur ma jkunx ha f'idejh il-pussess minghand il-konvenut bi frodi jew vjolenza, jew b'titolu dubbjuz - **Axisa Benedetto vs Casha Francis** PA 5-10-94.

Ara wkoll f'dan is-sens **Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs Anthony Bajada** 31-1-94.

Dwar id-differenzi bejn l-***Actio spolii*** u l-***Actio Manutensionis*** il-Qrati taghna kemm-il darba sottolineaw l-aspetti involuti. Fil-kaz **Mifsud vs Cassar,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Marzu 1943, inghad li filwaqt li azzjoni ta' manutenzjoni tista' tigi ezercitata fil-kaz ta' tnehhija mill-pussess fejn ma jkunx hemm vjolenza jew habi, l-azzjoni privileggjata ta' spoll tehtieg l-element ta' vjolenza jew habi biex tkun tista' tirnexxi. (Ara wkoll **Nicholas Attard et vs Peter Paul Cutajar,** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2001).

Din l-azzjoni tiddifferenzja ruhha mill-azzjoni ta' spoll in kwantu:
"mentre quella di manutenzione e` data per proteggere il possesso, che possa essere turbato, ed anche eventualmente violato o distrutto, l'altra di reintegrazione viene fondata per punire la violenza o` clandestinita` dello spoglio."
(Ara **Michele Azzopardi vs Giuseppe Farrugia,** Appell Civili deciz fil-31 ta' Ottubru 1930).

Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg azzjonijiet huma t-tnejn azzjonijiet "pussessorji", jitolbu elementi differenti tal-qaghda tal-pussess fl-attur. Din id-differnza fondamentali u accettata universalment hija li, f' ta' l-ewwel, huwa

meqjus li l-attur ghadu fil-pussess u jrid li jinzamm fil-pussess, filwaqt li l-***Actio Spolii*** jkun gie mcahhad mill-pussess, u fil-fatt jitlob lill-Qorti, tordna li jerga' jitqieghed qabel kollox f'dak il-pussess li ttehidlu.

Illi veru li l-artikolu 534 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ta' manutenzjoni jista' jressaqha min "jinsab fil-pussess ta' haga immobbli" u li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun", izda, dan ma jfissirx li d-detenzjoni hija bizzejjed ghax detenzjoni mhix pussess. Kemm "pussess ta' liema xorta jkun" ma jinkludix ukoll id-detenzjoni jidher aktar car mill-artikolu ta' wara dwar l-azzjoni ta' spoll li, kontra dak li jipprovdi l-artikolu 534 isemmi kemm il-"pussess ta' liema xorta jkun", kif ukoll, "id-detenzjoni" biex juri li l-azzjoni ta' spoll jista' jressaqha wkoll id-detentur. Illi l-azzjoni kontemplata taht l-Artikolu 534 tal-Kap.16 hija wahda **pussessorja**. Ghall-finjiet ta' dan l-istess artikolu min qed jiddetjeni ma jfissirx li huwa jippossjedi. Huwa veru li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun"- dan ifisser 'illi l-pussess jista' jkun legittimu jew illegittimu, b' titolu jew bla titolu, ***in bona fede*** jew ***mala fede*** – izda ma jfissirx illi d-detenzjoni hija bizzejjed, ghax detenzjoni mhuwiex pussess (sentenza fl-ismijiet **Alfred Fenech vs Dr Harry Vassallo** deciza mill-Prim Awla fil-5 ta' Ottubru, 2001. Ara wkoll l-kawza deciza fit-8 ta' Ottubru, 2004 [Citazzjoni Numru. 56/1992/2] fl-ismijiet **Costantino Borg vs Dottor Alexander Cachia noe et)**.

Konsegwentement, irid jigi ezaminat jekk l-attur setax juzufruwixxi mill-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili. Il-pussess hu deskritt fl-artikolu 524(1) tal-istess Kodici:
"Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta`, u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu innifsu."

Issa, l-pussess tutelabbli li jillegittima l-azzjoni hu dak definit fl-artikolu 524(1) tal-Kap 16. Pussess li allura ghandu jkollu b'rekwizit il-karattru tal-pussess ad usucapionem, ossija l-pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. "Pussess li kellu jfisser bhala

minimu detenzjoni ta’ haga **animo domini** u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tigi ezercitata minn persuna li kienet semplici inkwilin. (Vol. XLI p.-ii-1005; Vol XXXIII-ii-198).

L-element tal-pussess gie studjat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Teresa Vella vs Mary Boldarini** deciza fl-24 ta’ Frar 1967.

Qabel ma nghatat din is-sentenza, fil-gurisprudenza lokali kien jinghad li biex wiehed jirnexxi bl-***actio manutentionis*** irid jipprova pussess **animo domini** fis-sens tal-artikolu 524(1) tal-Kodici Civili. Hekk fil-kawza, **Bonello Micallef vs Parnis England,** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fid-9 ta’ Mejju 1957, gie ritenut:
“il-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Taghna, jikkomprendi biss il-pussess kif definit mil-legislatur fl-artikolu 561 tal-Kodici citat, jigifieri d-detenzjoni ta’ haga ***animo domini*** . Illi ***ex admissis*** l-attrici hija ko-inkwilina tal-fond in kwistjoni, u ghalhekk ma tistax tezercita l-azzjoni llum minnha esperita.”

Fis-sentenza fil-kawza **Arrigo vs Anastasi** deciza fit-3 ta’ Gunju 1959 l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, iddistingwiet bejn l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 534 tal-Kodici Civili, u l-azzjoni li tispetta lill-inkwilin. Fil-fatt, gie ribadit:
“hu manifest li l-azzjoni esperita mill-attur mhix dik li tohrog mid-dispozizzjoni tal-ligi riferita, li hija moghtija biss fis-sens proprju u strett ta’ detenzjoni ***cum animo domini***; u dan ghaliex l-attur m’ghandux, u lanqas ma jippretendi li ghandu, pussess simili, u ma bbazax l-azzjoni fuq dak il-pussess, imma fuq id-dritt li l-ligi taghti lill-inkwilin li jagixxi kontra t-terz li ghemilu jkun immolestah fid-dgawdija tal-haga li tkun giet lilu lokata. Fl-ghemil tat-terz konvenut, deskritt fl-att tac-citazzjoni, l-attur jirraviza molestja, u billi kif huwa jallega, din mhix molestja ta’ dritt, qieghed jagixxi f’ismu nnifsu kontra l-istess konvenut inbazi ghad-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 1639 tal-istess Kodici citat, li tipprovdi fis-sens li sid il-kera mhux obbligat jaghmel tajjeb lill-kerrej ghall-molestja li terzi persuni b’ghemilhom jikkagunaw lill-inkwilin fi-ddgawdija tal-haga, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-

haga mikrija, bla hsara tal-jedd tal-kerrej li jagixxi kontra dawk il-persuni f'ismu nnifsu."

Fil-kawza, **Geraldu Gatt vs Giuseppe Micallef ,** Appell Civili deciz fit-22 ta' Novembru 1954, Vol.38A (1954) inghad li:
"Illi huwa maghruf li d-dritt li l-konduttur jakkwista minhabba l-lokazzjoni hu personali, u mhux reali; ghalhekk il-konduttur ma jakkwista ebda dritt fuq il-haga lilu mikrija, imma jakkwista biss id-dritt li jkollu mill-lokatur it-tgawdija tal-haga ghaz-zmien tal-lokazzjoni. Il-konduttur hu fil-pussess tal-haga; imma jipposjediha f''isem il-lokatur. ***Colonus et inquilinus sunt in praedio et tamen non possident*** **(**L.6, para. 2, De Praecario); ***per colonos etinquilinos aut servus nostros possidemus*** (L.25, para. 1 D. De Possess.). U ghalhekk, jekk il-konduttur isofri molestji minghand xi hadd li jippretendi illi ghandu xi dritt fuq il-haga huwa ghandu jsejjah lill-lokatur biex inehhilu dawk il-molestji; u jekk il-molestji jipprovjenu b'***vie di fatto***, il-konduttur ghandu azzjoni biex jirrespingihom, ghaliex dawn ma joffendux, ma jinteressawx ebda element ta' dritt tal-proprjeta`, imma huma offizi personali, jarrekaw dannu lil-persuna, u din ghandha d-dritt li ggeghlhom jieqfu u li jkollha r-rizarciment tad-danni"
(Cassazione di Firenze, 16 Giugno 1869, Racc. XXXI-I-1099: Cassazione di Torino, 11 Dicembre 1869, ibid.XXI-I-822; Corte Appello Lucca, 25 Aprile 1879, ibid. XXI-II-639);

Ricentement, din il-pozizzjoni regghet giet studjata mill-Qrati lokali, fejn fil-kawzi, **Aquilina vs Aquilina** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-8 ta' Frar 1996, u **Alfred Fenech vs Dottor Harry Vassallo** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2001, din il-Qorti ma qablitx ma' l-interpretazzjoni moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Vella vs Boldarini,** u qalet li min mghandux pussess ancorche` ta' liema xorta jkun, ma jistax jipproponi l-***actio manutentionis*****.** Ghalhekk, inkwilin, li ghandu biss kawza detentionis, mghandux din l-azzjoni. Il-Qorti osservat li "titolu prekarju" fis-sistema Malti ghandha tifsira cara fl-artikolu 1839 tal-Kodici Civili, u ghalhekk mghandhiex tigi interpretata skond id-duttrina

Franciza (kif ghamlet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Vella vs Boldarini** fejn ghandha sinjifikat ta' "***ogni detenzione in nome altrui.***"

Din l-ahhar pozizzjoni tidher li qed tigi segwita mill-Qrati Taghna. (Ara **Domenico Mamo et noe vs Antonia Galea et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-18 ta' Frar 2004**,** u **George Camilleri vs George Bonello** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2005). F'din tal-ahhar gew iccitati diversi awturi, fejn giet spjegata ulterjorment id-distinzjoni bejn pussess u detenzjoni. L-awtur Taljan **Alberto Trabucchi** qal hekk:
"E` l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l' altro appaiano in un uguale rapporto di fatto con la cosa . Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta` o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una prominente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella…. Si avra detenzione e non possesso in chi tiene la cosa….d) nell interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa avuta in locazione, comodatorio, ecc)."

**Francesco Galgano** wkoll jenfasizza l-importanza ta' l-***animus*** meta jghid:
"Occorre, per essere possessore, l'animo o intenzione di possedere (per I romani: animus possidendi), ossia l'intenzione di comportarsi come proprietario della cosa…. Non e`, invece, possessore chi detenga la cosa per un titolu (ad esempio, per contratto di locazione, o di affitto o di noleggio) che implichi riconoscimento dell'altruita` della cosa."

Kif ukoll, **Andrea Torrente u Piero Schlesinger** ("Manuale di Diritto Privato" Giuffre`, 1985) jaqblu li l-***animus*** hu dak li jiddistingwi pussess minn detenzjoni u jghidu:
"La detenzione- che e` la siuazione possessoria base- consiste nell' avere la possibilita` di utilizzarle (corpus) tutte le volte che si voglia, senza bisogno di superare

ostacoli seri e duraturi, pur riconoscendo (animus detinendi) che essa e` di altri, cui si deve rendere conto dell’ uso dell' bene 9cosi ad es., detentori sono il conduttore, il-commodatario, ecc.)

Din il-Qorti taqbel ma’ dan l-insenjament, u tqis li l-***actio manutentionis*** tista’ tigi ezercitata biss minn min ikollu “pussess”, fis-sens tal-ligi, tal-proprjeta’ in kwistjoni. Fil-kaz odjern, l-attur, kellu d-detenzjoni tal-ghalqa peress li kien izomm din l-ghalqa permezz ta’ qbiela, izda, ma jirrizultax li kellu l-pussess ***animo domini*****.** Stante li l-attur ma weriex li kellu dan it-tip ta’ pussess u, kwindi, din l-azzjoni ma setax iressaqha l-attur. Ghalhekk l-attur ma setax jipprocedi kontra l-konvenut permezz ta’ ***l-actio manutensionis,*** izda kellu rimedji ohra taht il-ligi. [Ara Sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell, fit-22 ta’ Novembru 1954, fil-kawza fl-ismijiet **Geraldu Gatt -vs- Giuseppe Micallef** u sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-23 ta’ Marzu 1962, fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Mamo -vs- Gerolamo Camilleri**.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------